# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 85/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Carmelo Sammut**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Carmelo Sammut detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 229764 M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta Mejju 2014 01:13 AM bil-vettura SRS 5OO gewwa Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar:

1. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f' Malta u naqas jggeddidha kull sena (L.S. 368.02 Artiklu 13 (1))

2. Waqt li kien qed isuq vettura li ggorr merkanzija hafifa naqas li jilbes cintorin tas-sigurta. (L.S. 65.12 Artiklu 3)

3. Ghamel uzu minn pjanci 'Trial Run' u kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqu, meta dawn ma' ghandhomx jintuzaw hlief ghal tragitt bi prova jew ghal skopijiet ta' ttestjar (L.S. 368.02 Artiklu 36 (7))

4. Saq, gieghel jew halla l-imsemmija vettura u ghamel uzu minn diska tal-licenzja mahruga fuq vettura ohra bin-numru GUN 123 li hi rregistrata fuq vettura tal-marka VW GOLF u uzaha fuq il-vettura li kienet qed tinstaq (L.S. 368.02 Artiklu 20)

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' €1000.00

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tannulla jew tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet il-provi:

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), dik appellata, hija nulla u dan minhabba li quddiem dik il-Qorti ma kienx assistit minn avukat. Jghid l-appellant fir-rikors tal-appell illi fejn solitament il-kawzi quddiem il-Qorti li tippresjedi l-infrazzjonijiet tat-traffiku jissejjhu mhux skond il-lista izda skond precedenza li tinghata lill-avukati difensuri. Dakinhar, iz-zewg ufficcjali tal-Pulizija li taghhom kien prezentat affidavit, kienu prezenti fl-awla biex jixhdu in kontro-ezami wara talba permezz ta' ittra lill-Pulizija Ezekuttiva, izda dawn kienu mghagglin u ghalhekk il-kawza ssejhet meta l-avukat difensur Dr. Edward Debono kien impenjat f'awla ohra. Konsegwenza ta' dan, il-kawza procediet minghajr mal-appellant kien debitament assistit;

2. Issa fil-kaz odjern l-Avukat Generali jaqbel illi s-sentenza hija nulla, izda din il-Qorti xorta wahda jehtieg li tezamina l-fatti u tasal ghal-gudizzju taghha la darba din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Quddiem din il-Qorti, l-appellant xehed illi l-ewwel Qorti ma hallitux jistenna lill-avukat. Tajjeb ghalhekk li jkun riprodott il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar, 2015 quddiem l-ewwel Qorti:

> **Meta ssejhet il-kawza deheret l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Attard.**
> **Deher l-akkuzat sprovist minn Avukat**

**Xehed bil-gurament ix-xhud Director Transport jew rapprezentat tieghu; Stephen Cachia in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Licenzji.**

**Ix-xhud prezenta dokument.**

**Xehed bil-gurament ix-xhud 374**

**Xehed bil-gurament l-akkuzat Carmelo Sammut**

**Inghatat is-Sentenza**

**[** *Ommisis* - riproduzzjoni tas-sentenza**]**

**L-akkuzat beda jghajjat u ghajjar lill-Qorti.**

**Il-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta' disprezz u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmienja u erbghin (48) siegha.**

**Aktar tard rega deher l-akkuzat assistit minn Dr. Edward Debono u skuza ruhu ghal komportament tieghu u assikura l-Qorti illi huwa qatt ma ried jagixxi b'disprezz lejn l-Awtorita' taghha izda ghandu problemi personali li kultant jaffettwawh.**

**Il-Qorti fic-cirkostanzi tirrevoka Contrario Imperio d-Digiret taghha ta' disprezz.**

3. Tajjeb li jkun senjalat ukoll illi precedentement ghal din is-seduta l-ewwel Qorti kienet iddiferiet il-kawza fuq talba tad-difiza ghas-17 ta' Frar, 2015. Dik it-talba kienet saret permezz ta' rikors tal-Avukat Dottor Edward Debono;

4. Minn hawn jemergi illi l-ewwel Qorti ma ordnatx li jissejjah l-avukat difensur tal-appellant u anqas ipposponiet il-kawza ghal ftit hin sakemm l-appellant ikun debitament assistit. Jidher ukoll illi l-appellant seta' ta l-impressjoni illi ried jipprocedi bid-difiza tieghu inniffsu meta ma oggezzjonax li

l-kawza tinstema fl-assenza tal-avukat tieghu tant li ghazel ukoll illi jiddeponi. Dwar dan, il-Qorti m' ghandiex dubji wara li semghet hi stess lill-appellant jixhed quddiemha bhal donnu mhux assistit meta kien fil-fatt assistit mill-abbli avukat Dottor Stephen Tonna Lowell. Lanqas ma jista' jkun skartat l-incident li l-appellant kien wera rimostranza eccessiva wara li inghata s-sentenza mill-ewwel Qorti. Issa, ghalkemm mhux kull incident simili jgib mieghu b'mod awtomatiku n-nullita' tas-sentenza, fil-kaz odjern jidher illi l-ewwel Qorti, enondata b'volum ta' kawzi u pressjoni kbira (din il-kawza kienet numru 50 fil-lista tal-ewwel dehra), sfuggielha l-fatt li l-appellant deher mhux assistit mhux ghaliex hekk ried izda ghaliex l-avukat tieghu, li precedentement kien intavola rikors, kien momentarjament diversament impenjat, tant li l-istess avukat deher ftit wara;

5. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2011 Il-Pulizija vs Reuben Bonnici 502/2010 DS kienu traccati decizjonijiet in tema, igifieri ta' kif ghandu jkun tutelat id-dritt ravvizat fl-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali. Applikat l-insenjament emergenti minn dik ir-rassenja ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel aggravju ghandu jkun akkolt u ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla;

6. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid u opportunament tajjeb li jkunu riaffermati uhud mill-konsegwenzi li ggib maghha n-nullita' tas-sentenza: li s-smiegh mill-gdid isir biss dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija (Il-Pulizija vs Karmenu Attard - App Krim 28.4.1995) (anke jekk mhux applikabbli ghal kaz odjern; li l-aggravji tal-appell issa jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech – App Krim 10.9.2007) u li f'kaz ta' sejbien ta' htija,

din il-Qorti mhix marbuta mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-piena tista' tizdied anke jekk l-appell ikun tal-persuna misjuba hatja (Il-Pulizija vs Anthony Zahra – App Krim 26.5.1994);

7. Din il-Qorti ghalhekk semghet il-provi mill-gdid u hadet konjizzjoni ukoll tal-affidavit taz-zewg ufficcjali tal-Pulizija PC 374 u PC 105. Dawn iz-zewg ufficcjali xehedu illi fit-28 ta' Mejju 2014 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu waqt li kienu xoghol raw vettura gejja bid-dawl qawwi u lis-sewwieq bla cinturin ta' sigurta' u ghamlulu sinjal biex jieqaf. Ghalkemm kellu l-karta tal-identita' u l-licenzja tas-sewqan lkoll kurrenti, irrizulta lill-ufficcjali illi l-licenzja tal-vettura u l-polza tal-assikurazzjoni kienu skaduti. In- numru ta' registrazzjoni tal-vettura kien SRS 500 filwaqt illi l-licenzja mwahhla mal-*windscreen* kellha n-numru GUN 123 valida sa' Lulju 2013 (JUL 13). Dak in-numru tal-vettura kien jghajjat lil certu Emmanuel Bezzina. L-istess ufficcjali kienu tal-fehma kuntrarja ghal dak li beda jasserixxi l-appellant li la darba kellu it-Trial Run plates ma kien qed jikser l-ebda ligi u dan ghaliex dawk il-plates ma jistghux jintuzaw f'dak il-hin tas-siegha u kwart ta' filghodu;

8. Stephen Cachia, amministratur fi hdan id-Direttorat Ghat-Trasport, xehed illi l-vettura SRS 500 ilha registrata fuq l-appellant ghan-nom ta' Charlie Auto Dealer mis-16 ta' Lulju tal-2010 u l-ahhar licenzja li kellha skadiet fit-30 ta' Lulju tal-istess sena. Hija hekk registrata ghall-skop ta' *resale* li allura jfisser li ma hemmx obbligu li tithallas il-licenzja u tibda tithallas minn meta tinbiegh lil terzi, Il-vettura GUN 123 hija registrata fuq Emanuel Bezzina filwaqt illi n-numru tat-Trial Run 113 huwa registrat fuq l-appellant ukoll ghan-nom ta' Charlie Auto Dealer. Dawn il-plates jistghu jintuzaw skond kif tippermetti l-ligi mit-Tnejn sas-Sibt u ma jistghux jintuzaw il-Hadd;

9. L-appellant xehed illi il-vettura bir-registrazzjoni SRS 500 hija wahda mill-vetturi li ghandu ghal bejgh fix-*showroom* tieghu. Ghal habta tad-disgha ta' filghaxija, allura tas-27 ta' Mejju, il-mechanic gablu l-vettura ix-*showroom* u bhas-soltu jaghmel hin twil l-ufficcju u ghalhekk telaq id-dar b'din il-vettura biex ikun jista' jippruvaha ghaliex, skond hu, dak huwa l-ahjar hin biex ikun jista' jipprova l-brejkijiet u jisma' xi hsejjes ghaliex ma jkunx hemm traffiku. Ukoll ghaliex taht id-dar ghandu zewg garaxxijiet li juza bhala mahzen tal-karozzi. Meta ra dawl ta' tlett *torches* f'nofs ta' triq, ghall-ewwel ma ndunax li kienu pulizija izda meta kkonferma l-presenza taghhom nehha s-*seat belt* u nizel biex jitkellem maghhom. Il-Pulizija staqsewh ghaliex il-licenzja ma kienitx imhallsa u spjegalhom li kien qed isuq bir-Trial Run plates. Huwa esebixxa kopja tal-polza tal-assikurazzjoni ta' dawn il-pjanci li juru li huwa assikurat erbgha u ghoxrin siegha matul il-gimgha inkluz il-Hdud u festi pubblici. Il-Pulizija izda xorta wahda ma qablux mieghu li jista' juza l-pjanci f'dawk il-hinijiet;

10. Dwar il-licenzja mwahhla mal-*windscreen*, l-appellant jghid illi l-licenzja tal-vettura GUN 123 qatt ma kienet ghandu u dik li raw il-Pulizija kienet tal-vettura ohra tal-marka Nissan Qashqai, licenzja li skadiet fis-sena 2013. Din il-vettura kienet inbieghet lill-terz li ma kellux bzonn il-*holder* tal-licenzja ghaliex akkwista wiehed minghand l-assikurazzjoni tieghu bl-arlogg maghha, li l-appellant m'ghandux bhalhom, u kien il-lavrant tal-appellant li qabad u wahhal dan il-*holder* mal-*windscreen* tal-vettura in kwistjoni. Ghalhekk ukoll ma setax ikun li kien qed jaghmel uzu minn licenzja ta' vettura ohra ghaliex dik kienet valida sas-sena 2013 meta l-kaz gara fl-2014. Esebixxa ukoll licenzja tat-Trial Run plates li kienet valida sa' Dicembru, 2014.

11. Anthony Borg, li l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma tghatux l-opportunita' li jixhed li, izda, xehed quddiem din il-Qorti, ddikjara li hu jahdem bhala mechanic u jahdem ukoll lill-appellant. Jghid illi gieli nizzillu l-karozzi ix-*showroom* anke fid-disgha ta' filghaxija u l-bicca l-kbira kollha jkunu bil-pjanca Trial Run ta' Sammut;

12. Rapprezentant ta' kumpanija tal-assikurazzjoni xehed illi l-appellant huwa kopert bil-Motor Traders Policy erbgha u ghoxrin siegha kulljum inkluz Hdud u festi pubblici waqt l-uzu ta' vetturi bil-pjanca Trial Run;

13. Ikkunsidrat illi l-ezitu tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni huma dipendenti minn kif din il-Qorti ser tiddeciedi dwar it-tielet wahda, dik tal-uzu hazin tal-pjanci *Trial Run* u ghalhekk din l-imputazzjoni ser tkun konsiderata qabel l-ohrajn. L-Avviz Legali 198/2009 li jirregola r-registrazzjoni u l-licenzjar ta' vetturi bil-mutur, kif emendat u kif vigenti fid-data ta' dan l-incident jipprovdi *inter alia* ghall-provvista u uzu ta' pjanci *Trial Run*. Skond ir-regolament 36, sub-regolament (6), dawn il-pjanci jistghu jintuzaw biss:

a) Fuq vetturi bil-mutur li jkunu importati jew li jkunu dahlu Malta biex jinbieghu jew ghal skopijiet ta' wiri;
b) Fuq vetturi bil-mutur mibnija lokalment waqt li dawk il-vetturi jkunu qeghdin jinsaqu mill-garaxx, mill-fabbrika jew minn kull post iehor fejn ikunu nbnew sal-post fejn ikunu ser jinzammu sakemm dawk il-vetturi tinhargilhom licenzja skond ir-regolament 14;
c) Fuq vetturi bil-mutur fil-kustodja ta' negozjant fil-vetturi bil-mutur ghal skop ta' bejgh, jew fuq vetturi bil-mutur mixtrija

minn negozjant tal-vetturi bil-mutur li l-licenzja ta' dawk il-vetturi tkun ghalqet;

d) Fuq vetturi bil-mutur li jkunu qeghdin jinsaqu minn garaxx, minn fabbrika jew minn post iehor fejn il-vettura tkun mizmuma, ghall-moll fejn isir l-imbark ta' dik il-vettura intiza biex tigi esportata;

14. Is-sub-regolament 6(c) tar-regolament 6, jidher li jaghti l-uzu inkondizzjonat ta' dawn il-pjanci izda is-sub-regolament (7) imbaghad jipprovdi li pjanci *Trial Run* ma ghandhomx jintuzaw hlief ghal tragitt bi prova jew ghal skopijiet ta' ttestjar filwaqt li dak numru (8) jipprojbixxi l-uzu taghhom fil-Hdud u festi pubblici jekk mhux awtorizzat b'mod specjali;

15. L-appellant ghandu x-*showroom* tieghu Birkirkara u kien intercettat isuq din il-vettura il-Qawra, vicin ir-residenza tieghu, fis-siegha ta' filghodu. Il-Qorti mhix qed taccetta l-verzjoni tal-appellant illi dak il-hin kien qieghed jittestja din il-vettura. Kif dimostrat *supra*, l-uzu tal-pjanci *Trial Run* huwa limitat, f'dan il-kaz, ghal 1) tragitt bi prova, (naturalment ghal meta klijent jixtieq jipprova vettura li mghadhiex licenzjata u assikurata, fejn ghall-ahhar ipotezi l-kopertura hija provduta mill-assikurazzjoni li tkopri l-pjanci Trial Run)), u 2) testjar. F'dan il-kaz l-appellant irid lill-Qorti taccetta l-argument tieghu li filwaqt illi kien sejjer id-dar, f'dawk il-hinijiet, kien qed jittestja jekk il-mechanic sewwielux il-hsara li kien irriskontra fil-vettura. Il-vettura kienet ilha ghand l-appellant ghall-bejgh mis-sena 2010, erba snin qabel l-incident u ghazel illi juzaha ghat-trasport personali tieghu minn Birkirkara ghall-Qawra bl-iskuza li ried jittestjaha. Huwa inutili li l-appellant ghandu assikurazzjoni li tkoprieh erbgha w ghoxrin siegha l-gimgha kollha fl-uzu tal-pjanci Trial Run meta r-regolamenti jillimitaw l-uzu kif inghad *supra*;

16. Issa ghalkemm l-appellant kiser disposizzjoni partikolari tal-LS 368.02, ir-regolament 36(6), ma jigix b'daqshekk li kkometta reat. Dan ghaliex filwaqt illi r-regolament 44 jelenka dawk ir-regolamenti li l-ksur taghhom jammonta ghal-reat, l-uzu hazin tal-pjanci ma jirrafigurax fost dan l-elenku ghajr ghal piena erogabbli fis-subregolament (7)(f) li jipprovdi ghall-minn €25 sa €60 (il-kelma "multa" jew "ammenda" mhix imsemmija fil-piena kif ser ikun osservat) f'kaz ta' "*sewqan minghajr pjanci Trial Run ta' vettura bil-mutur li ma tkunx ghadha giet registrata".* Dan ir-regolament ma jipprovdix, kif solitament ravvizat f'ligijiet ohra, li kull min jikser xi disposizzjoni tieghu ikun hati ta' reat. Ma jirrizultax ukoll dak li solitament jipprovdi l-Att principali tal-ligi, f'dan il-Kaz 368, li ksur ta' xi regolament maghmul taht l-istess l-Att jkun jammonta ghal-reat (hlief fejn dan jipprovdi hekk dwar l-obbligi tar-registrazzjoni u hlas ta' taxxi relattivi). Ghal din ir-raguni, l-appellant ma jistghax jinsab hati li kkometta r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni numru 3;

17. Din il-Qorti tosserva ukoll illi l-pieni erogabbli skond is-subregolament 7 (a) sa (f), ghad illi jsemmi l-ammonti tal-piena, ma jghidx jekk dawn humiex multi jew ammendi u din l-osservazzjoni ser tkun riflessa ukoll aktar 'l quddiem;

18. Illi, bhala konsegwenza tal-fatt illi l-appellant kien qed juza l-pjanci *Trial Run* ghal skop divers minn dak awtorizzat, jigi b'hekk li l-vettura li kien qed jaghmel uzu minnha kellha tkun debitament licenzjata. Irrizulta mhux biss illi din il-licenzja mhix mhallsa izda ukoll li mal-*windscreen* taghha kellha mwahhla licenzja appartenenti vettura ohra u ghal-liema l-Qorti

mhix qed taccetta l-iskuza fierha tal-appellant li bhala sid u sewwieq taghha kellu d-dover li jara li tkun konformi mal-ligijiet in rigward. L-ewwel u r-raba' imputazzjoni ghalhekk jirrizultaw pruvati u l-appellant qed jinsab hati taghhom;

19. Kwantu t-tieni imputazzjoni, dik ta' sewqan minghajr l-uzu tas-*seat belt*, l-appellant ghandu ragun illi din hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur;

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat ir-regolament 13 (1) u (2) u r-regolament 20 tal-L.S. 368.02, issib lill-appellant hati tal-ewwel u r-raba imputazzjoni, ma ssibux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom. Kwantu ghall-piena ir-regolament 44(7)(a) jipprovdi ghal 'mhux aktar minn €235 (sic) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur filwaqt illi is-sub regolament 7 (b) jipprovdi ghall-piena ta' €70 (sic). Fiz-zewg istanzi ma hemmx indikazzjoni dwar jekk il-piena hix dik tal-ammenda jew tal-multa u ghalhekk il-Qorti ma tistax timponi ebda wahda minnhom. Stante izda li l-ewwel imputazzjoni hija soggetta wkoll ghal piena alternattiva ta' prigunerija ta' tliet xhur, tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur millum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

21. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza.